ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 27

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

31 ta' Jannar 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 74/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........................ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 75/2012 tat-30 ta' Jannar 2012 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ["Miód z Sejneńszczyny / Łoździejszczyzny"/"Seinų / Lazdijų krašto medus" (DPO)]** ........................ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 76/2012 tat-30 ta' Jannar 2012 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Holsteiner Katenschinken / Holsteiner Schinken / Holsteiner Katenrauchschinken / Holsteiner Knochenschinken (IĠP)]** ........................ 5

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 77/2012 tat-30 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........................ 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 78/2012 tat-30 ta' Jannar 2012 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012 ........................ 9

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK tas-27 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija** ..... 11

2012/51/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2011 dwar għajnuna mill-Istat C 39/07 implimentata mill-Italja għal Legler S.p.A.** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1758)* ([1]) ..... 12

2012/52/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2012 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-pagamenti fil-Ġermanja u fil-Pajjiżi l-Baxxi li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2010** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 369)* ..... 21

2012/53/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2012 li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 370)* ([1]) 24

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 74/2012

## tas-27 ta' Jannar 2012

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif stabbiliti fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Pannell magħmul mill-aluminju u ħġieġ ittemprat b'qies ta' madwar 140 bi 30 ċm (magħruf bħala "pannell tad-doċċa bl-idromassaġġi").<br><br>Il-pannell huwa mgħammar b'mixer, 6 żennuni orizzontali tal-idromassaġġi, b'bexxiexa tad-doċċa li tinżamm fl-idejn għal kontra l-ġebla, b'bexxiexa fin-naħa ta' fuq li tisprejja fuq żona wiesgħa, u xkaffa għall-aċċessorji. Hija mgħammra wkoll b'pumi li permezz tagħhom tista' tikkontrolla t-temperatura tal-ilma, l-qawwa eċċ.<br><br>Il-pannell huwa mfassal għal biex jeħel f'kabini tad-doċċa tal-kmamar tal-banju kompatibbli. Barra mill-funzjoni ta' doċċa, din tipprovdi wkoll idromassaġġi b'nixxiegħat irqaq ta' ilma li joħorġu miż-żennuni bi pressjoni qawwija. | 9019 10 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 9019, 9019 10 u 9019 10 90.<br><br>Peress li l-pannell hu magħmul minn vit bil-bexxiexat skont l-intestatura 8481 u apparat għal massaġġi b'6 żennuni tal-idromassaġġi skont l-intestatura 9019, dan huwa meqjus bħala prodott kompost skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 3(b).<br><br>In-nuqqas ta' karatteristiċi addizzjonali għaż-żieda fil-pressjoni tal-ilma, bħal pompa, ma jeskludux il-klassifikazzjoni tal-komponent tal-apparat tal-massaġġi skont l-intestatura 9019 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni HS għall-intestatura 9019, (II), it-tieni paragrafu).<br><br>Minħabba l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, l-ebda wieħed mill-komponenti ma jagħti lill-pannell il-karattru essenzjali tiegħu.<br><br>Għaldaqstant, il-pannell għandu jiġi kklassifikat skont il-kodiċi tan-NM 9019 10 90 bħala apparat ieħor tal-massaġġi. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 75/2012

## tat-30 ta' Jannar 2012

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ["Miód z Sejneńszczyny / Łoździejszczyzny"/"Seinų / Lazdijų krašto medus" (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mill-Polonja u mil-Litwanja biex id-denominazzjoni "Miód z Sejneńszczyny / Łoździejszczyzny »/«Seinų / Lazdijų krašto medus" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi ma ntbagħtet l-ebda oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 116, 14.4.2011, p. 15.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.4. Prodotti oħra li ġejjin mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib minbarra l-butir, eċċ.)**

IL-POLONJA

Miód z Sejneńszczyny / Łoździejszczyzny (DPO)

IL-LITWANJA

Seinų / Lazdijų krašto medus (DPO)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 76/2012

## tat-30 ta' Jannar 2012

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Holsteiner Katenschinken / Holsteiner Schinken / Holsteiner Katenrauchschinken / Holsteiner Knochenschinken (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mill-Ġermanja biex id-denominazzjoni "Holsteiner Katenschinken / Holsteiner Schinken/ Holsteiner Katenrauchschinken/ Holsteiner Knochenschinken" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi ma ntbagħtet l-ebda oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 109, 8.04.2011, p. 6.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)**

IL-ĠERMANJA

Holsteiner Katenschinken / Holsteiner Schinken / Holsteiner Katenrauchschinken / Holsteiner Knochenschinken (IĠP)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 77/2012**

**tat-30 ta' Jannar 2012**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 138,3 |
| | MA | 58,6 |
| | TN | 90,3 |
| | TR | 119,7 |
| | ZZ | 101,7 |
| 0707 00 05 | EG | 217,9 |
| | JO | 241,9 |
| | MA | 148,6 |
| | TR | 180,8 |
| | ZZ | 197,3 |
| 0709 91 00 | EG | 143,2 |
| | ZZ | 143,2 |
| 0709 93 10 | MA | 124,4 |
| | TR | 177,7 |
| | ZZ | 151,1 |
| 0805 10 20 | EG | 49,6 |
| | MA | 54,8 |
| | TN | 58,8 |
| | TR | 63,2 |
| | ZZ | 56,6 |
| 0805 20 10 | IL | 185,7 |
| | MA | 94,2 |
| | ZZ | 140,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 61,2 |
| | EG | 88,5 |
| | IL | 94,5 |
| | JM | 118,0 |
| | KR | 91,5 |
| | MA | 55,4 |
| | PK | 50,1 |
| | TR | 97,0 |
| | ZZ | 82,0 |
| 0805 50 10 | TR | 65,8 |
| | ZZ | 65,8 |
| 0808 10 80 | CA | 118,4 |
| | CL | 79,0 |
| | CN | 74,5 |
| | US | 155,0 |
| | ZZ | 106,7 |
| 0808 30 90 | CN | 46,1 |
| | TR | 95,1 |
| | US | 120,1 |
| | ZA | 97,6 |
| | ZZ | 89,7 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 78/2012**

**tat-30 ta' Jannar 2012**

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Regolament dwar l-OKS Unika] ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2011/2012 ġew stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 971/2011 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew modifikati l-aħħar bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 59/2012 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha llum, twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

(3) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 254, 30.9.2011, p. 12.
([4]) ĠU L 19, 24.1.2012, p. 15.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-31 ta' Jannar 2012**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 12 10 (1) | 42,50 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 42,50 | 1,86 |
| 1701 13 10 (1) | 42,50 | 0,00 |
| 1701 13 90 (1) | 42,50 | 2,15 |
| 1701 14 10 (1) | 42,50 | 0,00 |
| 1701 14 90 (1) | 42,50 | 2,15 |
| 1701 91 00 (2) | 48,55 | 2,90 |
| 1701 99 10 (2) | 48,55 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 48,55 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,49 | 0,22 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/50/PESK

## tas-27 ta' Jannar 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sal-31 ta' Jannar 2013.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/72/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tad-Deċizjoni Nru 2011/72/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2013. Hi għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija tista' tiġġedded jew tiġi emendata, kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. WAMMEN

---

[1] ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Marzu 2011

## dwar għajnuna mill-Istat C 39/07 implimentata mill-Italja għal Legler S.p.A.

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1758)*

**(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/51/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, it-Trattat), u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 108(2) ta' dan,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) ta' dan,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ([1]),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## I. PROĊEDURA

(1) Fil-5 t'April 2007, sitt xhur wara l-għoti ta' għajnuna ta' salvataġġ approvata bħala kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni ([2]), l-Italja nnotifikat pjan ta' ristrutturazzjoni għal Legler S.p.A.

(2) Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni rigward il-pjan ta' Ristrutturazzjoni ([3]). L-osservazzjonijiet mill-Italja waslu fit-30 ta' Novembru 2007.

(3) Fl-10 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn parti interessata waħda. Hija trażmettiet il-kummenti lill-Italja permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 2008. L-Italja pprovdiet il-kummenti tagħha permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2008.

(4) Fit-23 ta' Lulju 2008, l-awtoritajiet Taljani rtiraw in-notifika tal-għajnuna ta' ristrutturazzjoni, billi ddikjaraw li l-pjan kien ġie abbandunat.

(5) Il-Kummissjoni talbet iżjed informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani fit-8 t'Awwissu 2008, it-22 t'Ottubru 2008, id-9 ta' Frar 2009, l-4 ta' Settembru 2009 u s-17 ta' Marzu 2010, u għal dawn l-awtoritajiet Taljani wieġbu permezz ta' ittri datati 26 ta' Settembru 2008, 1 ta' Diċembru 2008, 3 ta' Ġunju 2009, 6 t'Ottubru 2009, 24 ta' Frar 2010 u 20 t'April 2010.

## II. DESKRIZZJONI

### II.1. Benefiċjarju

(6) Leger S.p.A. hija l-kumpanija possedenti ta' grupp Taljan ta' manifattura ta' tessuti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala: "Legler", "il-grupp" jew "il-kumpanija") imwaqqfa fl-1863 li, fiż-żmien li nbdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kienet tinkludi bosta entitajiet legali, jiġifieri: Legler Ottana S.p.A., Legler Siniscola S.p.A. u Legler Macomer S.p.A.. Legler S.p.A. kellha sehem minoritarju f'Legler Maroc SA u sehem ta' 40 % f'Legler Ottana S.p.A. Is-sehem maġġoritarju f'Legler S.p.a kien f'idejn il-kumpanija holding Piltar Ltd (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala: "Piltar").

(7) Fl-2007, Legler impjegat 1 213-il ([4]) persuna u kellha impjanti fir-Reġjun ta' Sardinja (f'Macomer – fil-provinċja ta' Oristano, u f'Siniscola u Ottana – fil-provinċja ta' Nuoro) u fir-Reġjun tal-Lombardija (f'Ponte San Pietro – fil-provinċja ta' Bergamo). Il-qligħ tal-grupp kien ta' EUR 101 miljun fl-2006 u EUR 30,9 miljun f'Settembru 2007.

(8) L-attività ewlenija ta' Legler kienet il-manifattura ta' tessut tad-denim ta' kwalità għolja, settur li fih il-kumpanija kienet attur ewlieni fl-Italja u l-Ġermanja u produttur importanti għal Franza u l-Benelux. Skont l-awtoritajiet Taljani, is-suq tad-denim jinkludi żewġ segmenti: il-*prêt-à-porter* għall-marki magħrufa (dan kien is-settur ewlieni ta' Legler) u prodotti tas-suq tal-massa, fejn il-kompetizzjoni prinċipalment hija bbażata fuq il-prezzijiet. Il-kompetituri ewlenin ta' Legler kienu bbażati fl-Italja, il-Greċja, Franza, it-Tuneżija, it-Turkija u l-Ġappun. Legler beda jkollha diffikultajiet fl-2003, meta parti sinifikanti tal-produzzjoni ġiet rilokata fl-Asja jew in-Nofsinhar tal-Mediterran.

(9) Fit-30 ta' Mejju 2007, f'laqgħa tal-bord ta' SFIRS S.p.A., kumpanija ta' investiment tar-Reġjun ta' Sardinja, ġie deċiż li SFIRS kellha tixtri mingħand Intex S.p.A., f'likwidazzjoni, għall-prezz ta' EUR 450 000, dejn ta' valur nominali ta' EUR 17-il miljun li kellu jitħallas minn Legler S.p.A. u Legler Siniscola S.p.A.

([1]) ĠU C 289, 1.12.2007, p. 22.

([2]) ĠU C 159, 12.7.2007, p. 2. L-għajnuna ta' salvataġġ ġiet approvata għall-perjodu 5 t'Ottubru 2006 – 5 t'April 2007.

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

([4]) Din il-figura tirrappreżenta n-numru ta' persuni li ħadmu full-time għall-kumpanija matul il-perjodu kollu li qed jiġi kkunsidrat.

(10) Fl-istess laqgħa, SFIRS iddeċidiet ukoll li tikkonverti parti mid-dejn ta' EUR 17-il miljun ta' Legler, għal ammont ta' EUR 14,5 miljun, f'parteċipazzjoni fl-ekwità ta' Legler.

(11) Fil-31 ta' Mejju 2007, saret is-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità f'laqgħa tal-azzjonisti ta' Legler. Billi kkonvertiet parti mid-dejn ta' Legler (għal valur effettiv ta' EUR 14,5 miljun) f'kapital ta' Legler, SFIRS akkwistat 49 % tal-ishma ordinarji (u 100 % tal-ishma straordinarji ([5])) f'Legler S.p.A. Il-51 % li kien fadal inżammu minn Piltar.

(12) F'Jannar 2008, SFIRS iddeċidiet li tirrinunzja sehemha f'Legler S.p.A., u mill-bqija tad-dejn tal-grupp ta' Legler, u nediet sejħa għal espressjonijiet ta' interess għax-xiri konġunt tal-ekwità u d-dejn ta' Legler.

(13) L-offerta rebbieħa, sottomessa mill-kumpanija Ferratex s.r.l. (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala: "Ferratex") kienet ta' ammont totali ta' EUR 2 000 001. Skont l-awtoritajiet Taljani, dan il-prezz kien jirrifletti l-valur tas-suq tal-ammont riċevibbli totali ta' SFIRS mingħand Legler u s-sussidjarji tagħha, li l-valur ikkalkulat tiegħu skont espert indipendenti kien ta' EUR 2 miljun, kif ukoll il-prezz simboliku ta' EUR 1 għall-holding ta' SFIRS fl-ekwità ta' Legler, ibbażata wkoll fuq stima ta' espert indipendenti. Il-bejgħ sar fil-25 ta' Jannar 2008.

(14) Madankollu, Legler waqqfet l-operazzjonijiet fl-impjanti kollha tagħha fil-perjodu bejn Diċembru 2007 u Awwissu 2008 u minn dakinhar l-impjanti kollha tagħha baqgħu inattivi.

(15) Fit-23 ta' Lulju 2008 Legler S.p.a bidlet isimha għal Texfer S.p.A. L-ismijiet tas-sussidjarji tagħha ta' Sardinja ġew ukoll mibdula rispettivament għal Texfer Ottana S.p.A., Texfer Siniscola S.p.A. u Texfer Macomer S.p.A.

(16) Fit-18 t'Awwissu tal-2008 il-kumpanija possedenti tal-grupp ġiet iddikjarata insolventi mill-qorti kompetenti, u fit-13 ta' Novembru 2008 ġiet ammessa fil-proċeduri kollettivi ta' insolvenza magħrufa bħala "*amministrazione straordinaria*", flimkien mas-sussidjarji tagħha.

(17) Il-garanzija ta' għajnuna ta' salvataġġ ġiet imsejħa mill-bank ftit wara n-nuqqas min-naħa ta' Legler li tħallas lura s-self ta' salvataġġ sal-iskadenza. Konsegwentement, il-Ministeru kompetenti ħallas lura s-self kif ukoll l-interessi fis-16 ta' Settembru 2008.

(18) Fil-21 t'Ottubru 2010 Texfer S.p.A. ġiet iddikjarata falluta. Fis-17 u t-18 ta' Novembru 2010 Texfer Ottana S.p.A., Texfer Siniscola S.p.A. u Texfer Macomer S.p.A. ġew iddikjarati falluti wkoll.

*Sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju*

(19) Fl-2006, l-ekwità ta' Legler, EUR - 8,6 miljun, kienet negattiva meta mqabbla mal-valur li kien għadu pożittiv ta' EUR 17,2 miljun fl-2005. Il-kumpanija rrapurtat telf ta' EUR 25,9 miljun fl-2006 u ta' EUR 28,1 miljun fl-2005. Il-qligħ tagħha kien jammonta għal EUR 101,4 miljun fl-2006 waqt li kien ta' EUR 124,2 miljun fl-2005. L-EBITDA kien jammonta għal - 10,9 fl-2006 u - 0,7 fl-2005. L-ispejjeż tal-interessi kienu qegħdin jiżdiedu wkoll.

(20) Fit-30 ta' Novembru 2007, l-ekwità ta' Legler kienet negattiva għal ammont ta' EUR 16,3 miljun. It-telf matul il-perjodu 2003-2007 kien laħaq EUR 94,9 miljun u s-sitwazzjoni tal-kumpanija kienet qiegħda tmur għall-agħar b'pass mgħaġġel, b'telf li kien qed jiżdied u qligħ li dejjem kien qed jonqos.

(21) Fit-13 ta' Novembru 2008 il-grupp ġie soġġett għal proċeduri kollettivi ta' insolvenza taħt il-liġi nazzjonali, li spiċċaw f'falliment (ara l-premessi (16) - (18)).

## II.2. **Il-miżuri ta' ristrutturazzjoni**

(22) Il-pjan ta' ristrutturazzjoni (*piano industriale*) innotifikat mill-Italja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ukoll "il-pjan") kopra perjodu ta' 3 snin (2007-2009) u kien jikkonsisti fi tliet miżuri: (i) EUR 13-il miljun fil-forma ta' garanzija fuq perjodu medju għall-perjodu ta' ristrutturazzjoni, li tiegħu post il-garanzija ta' 6 xhur awtorizzata bħala għajnuna ta' salvataġġ ([6]), (ii) EUR 13,2 miljun fil-forma ta' għotja diretta u (iii) EUR 13-il miljun fil-forma ta' konverżjoni ta' dejn f'ekwità. Madankollu, fil-31 ta' Mejju 2007 SFIRS implimentat is-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità għal ammont nominali ta' EUR 14,5 miljun.

(23) Minkejja li l-awtoritajiet Taljani kienu ssottomettew pjan ta' ristrutturazzjoni (*piano industriale*) għall-perjodu 2007-2009, huma sostnew li l-perjodu effettiv ta' ristrutturazzjoni kellu jkun mill-1 ta' Ġunju 2007 sal-aħħar tal-2012. L-unika dejta pprovduta sabiex jiġi mmappjat il-progress tar-ristrutturazzjoni tal-kumpanija mill-2009 sal-2012 kienet il-flussi tal-flus u l-evoluzzjoni tal-obbligi tal-kumpanija li għadha kif twaqqfet (NewCo).

([5]) L-ishma straordinarji taw lill-azzjonista dritt preferenzjali fl-allokazzjoni tal-profitt u l-ħlas lura tal-kapital fl-eventwalità tad-dissoluzzjoni tal-kumpanija.

([6]) jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2012.

(24) F'dan il-perjodu usa' ta' żmien, l-ispejjeż ġenerali għat-twaqqif ta' kumpanija ġdida mill-fużjoni ta' Legler S.p.A. u s-sussidjarji ta' Sardinja tagħha kienu jammontaw għal EUR 106,2 miljun, inklużi EUR 86,7 miljun għar-riorganizzazzjoni estensiva tal-grupp, waqt li l-bilanċ għandu jirrestawra l-kapital u jkopri t-telf.

(25) L-attività ta' New Co għandha tiffoka fuq in-negozju ewlieni tradizzjonali tal-kumpanija, jiġifieri d-denim ta' kwalità għolja, billi ż-żewġ linji l-oħra ta' produzzjoni (il-korduroj u l-qoton ċatt) għandhom jingħalqu. Il-post ġeografiku tal-grupp għandu jkun ikkonċentrat ukoll f'żewġ impjanti biss ta' produzzjoni (Siniscola u Ottana), li jinsabu fl-istess reġjun. L-assi li jifdal għandhom jinbiegħu sabiex Legler tkun tista' tipprovdi l-kontribut tagħha stess u tnaqqas l-ispejjeż tal-enerġija, it-trasport u l-persunal. L-impjant ta' Macomer ma ġiex inkluż fil-pjan ([7]).

(26) Fil-pjan kien previst ukoll id-dħul ta' azzjonist ieħor flimkien ma' SFIRS, u indika l-ħtieġa li jinkisbu intestaturi ta' kreditu minn sorsi privati għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' riorganizzazzjoni.

### II.3. **Raġunijiet sabiex tinbeda l-proċedura**

(27) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura, il-Kummissjoni kellha dubji jekk is-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità kinitx ħielsa minn elementi ta' għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni kellha dubji jekk investitur privat kienx jaċċetta s-sostituzzjoni ta' dejn b'ishma fil-kumpanija fiċ-ċirkostanzi, b'mod speċjali billi kien jidher li parti mill-attivitajiet tal-kumpanija kienu ġew sospiżi għal diversi xhur u l-awtoritajiet Taljani ma kienu ssottomettew lill-Kummissjoni l-ebda xenarju kontrafattwali li jappoġġja s-suppożizzjoni ta' SFIRS li investiment f'Legler u l-irfigħ tal-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni tagħha kienu ħafna iżjed kost-effettivi mil-likwidazzjoni tal-grupp.

(28) Għal dak li jirrigwarda l-kompatibilità tal-għajnuna massuq intern fuq il-bażi tal-*Community Guidelines on State Aid for Rescuing and Restructuring Firms in Difficulty* ([8]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-"Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni"), l-ewwel nett il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk id-diffikultajiet ta' Legler setgħux jiġu solvuti minn Piltar, l-azzjonista maġġoritarju, u jekk kinitx saret allokazzjoni arbitrarja tal-ispejjeż fil-grupp.

(29) It-tieni nett, il-Kummissjoni kellha dubji jekk il-pjan kienx ikun kapaċi jirrestawra l-vijabilità fuq perjodu twil, billi kien jidher li l-privazzjoni ppjanata mill-assi u l-linji ta' produzzjoni kienet pjuttost indeterminata u ħafna suppożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-operat futuri ma kinux realistiċi, meta wieħed jikkunsidra s-sospensjoni tal-produzzjoni ta' Legler. Il-Kummissjoni ddubitat ukoll jekk il-miżuri kumpensatorji proposti kinux reali u kinux imorru lil hinn mill-miżuri meħtieġa sabiex tiġi restawrata l-vijabilità, jekk il-livell ta' kontribut proprju kienx biżżejjed u jekk il-prinċipju ta' non-rikorrenza kienx ġie rrispettat.

(30) Finalment, il-Kummissjoni talbet lil-awtoritajiet Taljani sabiex jissottomettu informazzjoni li tikkonċerna d-dubji mqajma (l-oriġini tal-kreditu ta' SFIRS, informazzjoni dettaljata dwar Piltar u dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż fil-grupp, dwar il-miżuri kumpensatorji, dwar il-probabbiltà effettiva li Legler issib azzjonist ġdid u dwar l-aċċess għall-finanzjament privat meħtieġ għal organizzazzjoni mill-ġdid ta' Legler).

## III. **KUMMENTI MINGĦAND IL-PARTIJIET INTERESSATI**

(31) B'ittra datata 14 ta' Diċembru 2007, parti interessata ssottomettiet il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Il-parti terza sostniet li l-miżuri inkwistjoni setgħu joħolqu distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u ssottolineat li s-settur kien affettwat minn kapaċità produttiva għola sew minn dak li hu meħtieġ. Hija pprovdiet figuri dwar il-kapaċità ta' produzzjoni ta' denim madwar id-dinja għas-sena 2006, fejn uriet li kienet teżisti kapaċità żejda globali ta' 27 %.

## IV. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

(32) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Taljani spjegaw kif SFIRS kienet saret l-azzjonista maġġoritarju f'Legler. F'Marzu tal-2007 SFIRS xtrat dejn ta' Legler S.p.a u Legler Siniscola S.p.A. mingħand il-kumpanija Intex S.p.A., kumpanija f'likwidazzjoni, għall-prezz ta' EUR 450 000. Fil-31 ta' Mejju 2007 SFIRS ikkonvertiet parti minn dak id-dejn, li kellu valur nominali ta' EUR 14,5 miljun, f'ekwità ta' Legler, u b'hekk akkwistat 49 % tal-ishma ordinarji ta' Legler (waqt li Piltar żammet il-51 % li kien fadal) u 100 % tal-ishma straordinarji tagħha ([9]).

(33) It-tieni nett, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li Piltar kienet sempliċement strument ikkontrollat minn persuni naturali. Kienet ġiet stabbilita esklużivament għall-għan li jinkiseb sehem f'Legler u ma kienet involuta fl-ebda attività oħra ta' negozju. L-awtoritajiet Taljani żiedu jgħidu li Piltar kienet iċċarat żmien ilu li ma kellha l-ebda pjan li tappoġġja l-kumpanija finanzjarjament u li l-għan tagħha kien li tirrinunzja sehemha fil-grupp b'mod gradwali. Tabilħaqq, jidher li flimkien mas-sehem ta' 49 % SFIRS kienet akkwistat id-dritt li tixtri l-51 % tal-ishma ordinarji ta' Legler li kien fadal.

(34) It-tielet nett, l-awtoritajiet Taljani wiegħdu li jipprovdu informazzjoni dwar il-miżuri kumpensatorji.

---

([7]) Fil-pjan kien hemm previst pjan industrijali separat għal dan il-post.

([8]) *Community Guidelines on State Aid for Rescuing and Restructuring Firms in Difficulty*, (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2) u l-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunià dwar Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà*, (ĠU C 156, 9.7.2009, p. 3).

([9]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna hawn fuq.

(35) Ir-raba' nett, l-Italja ddikjarat li s-segmenti tas-suq fil-mira tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' Legler għar-restawr tal-vijabilità finanzjarja, deskritti fil-premessa (25) kienu qegħdin juru tendenzi inkuraġġanti. L-awtoritajiet Taljani semmew ukoll l-intenzjoni tal-kumpanija li tiggarantixxi linji ta' kreditu privati u azzjonista ġdid sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-pjan, u ddikjaraw li kienu diġà ttieħdu passi f'dak ir-rigward.

(36) Wara, bħala tweġiba għall-kummenti tal-parti terza, l-awtoritajiet Taljani ssottolineaw li s-sehem mis-suq ta' Legler fis-sena 2006 kien jasal biss sa 0,27 %. Huma żiedu li bħala miżura kumpensatorja, il-pjan kien jinvolvi tnaqqis ta' 22 % fil-kapaċità tal-kumpanija meta mqabbla mal-2006 u tnaqqis ta' 40 % meta mqabbla mal-2005. Għalhekk, huma kkunsidraw li l-għajnuna ma kelliex tgħawweġ il-kompetizzjoni sal-punt li jkun kontra l-interess komuni.

(37) Fis-sottomissjonijiet tagħhom wara l-irtirar tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, l-awtoritajiet Taljani sostnew li s-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità ma kellhiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, billi SFIRS kienet aġixxiet b'konformità mal-prinċipju tal-investitur tal-ekonomija tas-suq. Skont l-awtoritajiet Taljani investitur privat kien jaġixxi bl-istess mod sabiex jevita l-falliment u jirkupra mill-inqas parti mill-kreditu tiegħu bl-iżjed mod effettiv possibbli, jiġifieri billi jikkonvertih f'kapital u jirristruttura l-kumpanija flimkien ma' investitur privat ġdid u linja ta' kreditu ġdida.

## V. EVALWAZZJONI

(38) Taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [10], l-Istat Membru kkonċernat jista' jirtira n-notifika kif mifhum fl-Artikolu 2 fil-ħin qabel ma l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 4 jew 7.

(39) F'dan il-każ, fejn il-Kummissjoni tkun bdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħlaq dik il-proċedura skont l-Artikolu 8(2) tal-istess Regolament.

(40) Il-Kummissjoni tinnota li l-għotja diretta ta' EUR 13,2 miljun ma ġietx implimentata mill-Italja u li l-Italja mhijiex se tkompli tmexxi 'l quddiem dan il-pjan ta' għajnuna. Billi l-pjan ta' ristrutturazzjoni ġie rtirat, il-proċedura formali ta' investigazzjoni li nfetħet fuq din il-miżura ma għadha sservi għall-ebda għan.

(41) Billi ż-żewġ miżuri l-oħra ta' ristrutturazzjoni nnotifikati ġew implimentati b'mod illegali mill-Italja, sabiex tagħlaq il-proċedura formali ta' investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, u jekk huwa hekk, jekk din l-għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq intern.

[10] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(42) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistabbilixxi li kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(43) Fejn tkun se tingħata jew tkun ingħatat għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat lil kumpanija f'diffikultà, il-kompatibilità ta' din l-għajnuna għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u Ristrutturazzjoni. Konsegwentement, l-għajnuna tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni.

### V.1. **Eżistenza ta' għajnuna**

*L-estensjoni tal-garanzija ta' għajnuna ta' salvataġġ għaddurata kollha tal- perjodu ta' ristrutturazzjoni*

(44) Il-garanzija ta' għajnuna ta' salvataġġ fl-ammont ta' EUR 13-il miljun ma ġietx terminata mal-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur li għalih kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni, iżda baqgħet fis-seħħ wara li ġiet irtirata n-notifika tal-pjan (ara l-premessa (17)).

(45) L-estensjoni tal-garanzija tal-għajnuna ta' salvataġġ ġiet notifikata bħala miżura mogħtija mir-riżorsi tal-Ministeru kompetenti, iffinanzjati mill-baġit tal-Istat. Għalhekk, ingħatat mir-riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lill-Istat. Il-garanzija tikkostitwixxi vantaġġ selettiv billi hija ppermettiet lil Legler li taċċedi għal riżorsi finanzjarji li, meta wieħed jikkunsidra s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, ma kienx ikollha l-possibbiltà li tikseb b'mod ieħor. Għalhekk, hija ħelset lil Legler mill-ispejjeż li kieku kien ikollha terfa'. Barra dan, billi Legler kienet qiegħda timplimenta proċess ta' ristrutturazzjoni bl-għan li terġa' tibda l-produzzjoni, l-għajnuna kellha l-potenzjal li tgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq intern u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-effett distorsiv tal-miżura ġie ssottolineat minn parti terza, li ssottolineat ukoll li s-settur isofri minn kapaċità żejda.

(46) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-estensjoni tal-garanzija tal-għajnuna ta' salvataġġ, li hija wkoll miżura ta' ristrutturazzjoni, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(47) Meta tkun qiegħda tiddetermina l-ammont ta' għajnuna, il-Kummissjoni tfakkar il-paragrafu 4.1(a) tal-Avviż ta' Garanzija [11], li jiddikjara li "għal kumpaniji f'diffikultà, garanti tas-suq, jekk ikun hemm, jitlob fiż-żmien meta ssir il-garanzija ħlas ta' premium għoli meta wieħed iqis ir-rata mistennija ta' inadempjenza. Jekk il-probabilità li

[11] *Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji,* (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

min jissellef ma jkunx kapaċi jħallas lura s-self issir partikolarment kbira, huwa possibbli li din ir-rata tas-suq ma tkunx teżisti u f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-element tal-għajnuna tal-garanzija jista' jirriżulta li jkun għoli daqs l-ammont effettivament kopert minn dik il-garanzija."

(48) Fid-dawl tad-diffikultà finanzjarja serja ta' Legler fiż-żmien li saret il-garanzija (telf li kien qed jiżdied, qligħ li kien qed jonqos u ekwità negattiva kif deskritt fil-premessi 19 sa 21 u 52), il-Kummissjoni tikkunsidra li kien wisq improbabbli li l-kumpanija kienet tkun kapaċi tikseb self mingħand bank fis-suq mingħajr l-intervent tal-Istat; għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ammont ta' għajnuna jikkorrispondi għat-totalità tal-ammont tas-self ([12]).

*Sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità*

(49) Il-Kummissjoni tosserva li s-sostituzzjoni ġiet implimentata minn SFIRS, entità pubblika li l-azzjonista ewlieni tagħha, ir-Reġjun ta' Sardinja, jeżerċita influwenza dominanti fuq id-deċiżjonijiet tagħha ([13]). L-Italja qatt ma ċaħdet dan il-fatt. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni hija imputabbli lill-Istat u ngħatat permezz ta' riżorsi tal-Istat. Din il-miżura hija wkoll selettiva billi tiffavorixxi kumpanija waħda, Legler. Barra dan, billi l-għan ta' Legler kien proċess ta' ristrutturazzjoni bil-mira li tinbeda mill-ġdid il-produzzjoni, l-għajnuna potenzjalment setgħet tgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq intern u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. L–impatt potenzjalment distorsiv tal-miżura ġie enfasizzat ukoll fil-kummenti sottomessi minn parti terza, li ssottolineat ukoll li s-settur isofri minn kapaċità żejda.

(50) Fit-tweġiba tagħha, l-Italja sostniet li l-miżura inkwistjoni ma kienet tagħti l-ebda vantaġġ lil Legler billi, fl-opinjoni tagħha, kienet konformi mal-prinċipju tal-investitur tal-ekonomija tas-suq.

(51) Skont il-ġurisprudenza stabbilita ([14]), sabiex jiġi determinat jekk Legler irċevietx jew le vantaġġ mir-riżorsi tal-Istat huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk, f'ċirkostanzi simili, investitur privat b'karatteristiċi paragunabbli għal dawk ta' SFIRS kienx ikun lest li jwettaq sostituzzjoni simili ta' dejn għal ekwità, b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli fid-data li fiha ġiet implimentata t-tranżazzjoni.

(52) L-ewwel nett, fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Legler, il-Kummissjoni tinnota li fl-2007 il-kumpanija kellha kapital ta' EUR 1,8 miljun u ekwità negattiva ta' EUR - 16,2 miljun; matul il-perjodu mill-2003 sal-2007 it-telf laħaq EUR 94,9 miljun u kien jidher ċar li s-sitwazzjoni tal-kumpanija kienet sejra lura, b'telf li kien qed jiżdied u qligħ li kien qed jonqos.

(53) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja kritika deskritta fil-qosor hawn fuq, SFIRS ma wettqitx analiżi komprensiva tal-ispejjeż/benefiċċji u evalwazzjoni tar-riskji għat-tranżazzjoni. Fil-fatt, minkejja t-talbiet numerużi mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani qatt ma ssottomettew xenarju kontrafattwali ssustanzjat li juri li l-għażla ta' SFIRS kienet preferibbli mix-xenarju tal-likwidazzjoni ta' Legler.

(54) Tabilħaqq, kummenti simili saru mill-Bank tal-Italja f'rapport ([15]) maħruġ wara investigazzjoni fl-attività ta' SFIRS. Ir-rapport ikkritika l-imġiba ta' SFIRS għan-nuqqas ta' kompletezza tal-analiżi tagħha ta' qabel tas-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità u għall-kontradizzjoni inerenti li jsir "investiment" li ma joffri l-ebda prospetti konkreti ta' rkupru.

(55) Irrispettivament minn din l-evalwazzoni, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija kienet tali li f'ekonomija tas-suq l-ebda investitur privat raġjonevoli ma kien jidħol fi tranżazzjoni simili.

(56) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-pjan ta' ristrutturazzjoni (*Piano industriale*) innotifikat mill-kumpanija ma jistax jiġi kkunsidrat bħala bażi realistika sabiex tiġi prevista l-prestazzjoni futura tal-kumpanija. Il-fatt biss li l-pjan kopra parti biss mill-perjodu ta' ristrutturazzjoni minflok il-perjodu kollu, u ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-progress sussegwenti tar-ristrutturazzjoni (ara l-premessa 23), juri biċ-ċar li nuqqas bħal dan ta' informazzjoni iddiswada lil kwalunkwe investitur privat milli jidħol fit-tranżazzjoni inkwistjoni.

(57) It-tieni, għal dak li jirrigwarda l-prospetti effettivi ta' SFIRS li tirkupra l-flus li Legler għandha tagħtiha, billi saret azzjonista permezz tas-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità SFIRS effettivament dgħajfet il-pożizzjoni tal-pretensjoni tagħha, meta mqabbla mal-pożizzjoni tagħha ta' qabel bħala kreditur preferenzjali.

(58) Il-valur u l-prospetti futuri tal-investiment ta' ekwità ta' SFIRS fil-mument tas-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità kienu jidhru limitati żżejjed sabiex jagħmlu tajjeb għar-riskji deskritti fil-qosor hawn fuq, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja kritika tal-kumpanija.

([12]) Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C 59/07 tat-28 ta' Ottubru 2009 dwar l-għajnuna ta' salvataġġ lil Ixfin, (ĠU L 167, 1.7.2010, p. 39).

([13]) SFIRS S.p.A. (intermedjarju finanzjarju taħt l-Artikoli 106 u 107 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 385 tal-1 ta' Settembru 1993) tipprepara pjanijiet u programmi, u tfassal linji gwida tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja li l-mira tagħhom hija l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-Reġjun. SFIRS hija strument operattiv tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja li hija l-proprjetarja ta' 93 % tal-ishma tagħha. SFIRS hija amministrata minn bord ta' diretturi maħtura mir-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja. Barra dan, SFIRS hija soġġetta għall-istess setgħa ta' direzzjoni u kontroll tal-amministrazzjoni tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja.

([14]) Il-każ C-482/99 *Franza v il-Kummissjoni*, punt 70. Il-każ C-42/93 *Spanja v il-Kummissjoni*, punt 13.

([15]) Sottomess mill-Italja bħala anness mal-ittra tagħha tad-29 ta' Mejju 2009.

Dan ġie enfasizzat b'mod ċar minn evalwazzjoni indipendenti tal-kumpanija, li tagħtiha l-figura simbolika ta' EUR 1.

(59) Minn dan ta' hawn fuq jista' jiġi konkluż li fit-twettiq tas-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità SFIRS ma aġixxietx bħala investitur privat li kien qed jopera taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Investitur privat ma kienx jidħol għal tranżazzjoni bħal din mingħajr valutazzjoni kredibbli u realistika minn qabel li turi li kien ikun iżjed kost-effettiv li d-dejn jiġi sostitwit b'ekwità minflok ma jibqa' kreditur preferenzjali tal-kumpanija.

(60) Għaldaqstant, bit-twettiq tas-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità, SFIRS ipprovdiet vantaġġ lil Legler.

(61) Minn dan isegwi li s-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(62) Għal dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna, għandu jiġi nnotat li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat hija limitata għal għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi pubbliċi. L-ammont ta' għajnuna għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-valur tas-suq tad-dejn li SFIRS ikkonvertiet f'ekwità ta' Legler. Għalhekk, jekk it-total tal-valur nominali tad-dejn ta' Legler ma' SFIRS kien ta' EUR 17-il miljun, waqt li fil-jum ta' qabel is-sostituzzjoni l-valur tas-suq tiegħu kien ta' EUR 450 000, il-valur tas-suq tat-tranżazzjoni li biha SFIRS ikkonvertiet 85,3 % tal-kreditu totali tagħha, jiġifieri valur nominali ta' EUR 14,5 miljun, f'ekwità, kien ta' EUR 383 850 (jiġifieri 85,3 % ta' EUR 450 000). Għalhekk, il-vantaġġ mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat kien ta' EUR 383 850. Min-naħa l-oħra, il-valur nominali tal-kreditu sostitwit ma jistax jiġi kkunsidrat bħala vantaġġ minbarra f'termini purament ta' kontabilità.

### V.2 **Kompatibilità tal-għajnuna mas-suq intern**

(63) Billi nstab li ż-żewġ miżuri notifikati jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kif mifhum fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk din l-għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq intern.

(64) Il-kompatibilità tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni mas-suq intern għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni.

(65) Għal dak li jirrigwarda l-garanzija pubblika, sabiex tiġi evalwata l-kompatibilità tagħha għandha ssir distinzjoni min-naħa waħda bejn l-estensjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ, u min-naħa l-oħra l-provvista ta' għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija fuq perjodu medju, li hija wkoll miżura ta' ristrutturazzjoni (għad-durata tal-perjodu ta' ristrutturazzjoni).

(66) Għal dak li jirrigwarda l-estensjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ, il-punt 26 tal-Linji Gwida jipprovdi li fejn l-Istat Membru jkun issottometta pjan ta' ristrutturazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data tal-awtorizzazzjoni jew, fil-każ ta' għajnuna mhux notifikata, mill-implimentazzjoni tal-miżura, l-iskadenza għar-rimborż tas-self jew għat-twaqqif tal-garanzija tiġi estiża sakemm il-Kummissjoni tilħaq id-deċiżjoni tagħha dwar il-pjan, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li estensjoni bħal din mhijiex ġustifikata.

(67) In-notifika tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ppermettiet li l-għajnuna ta' salvataġġ titkompla lil hinn minn 6 xhur. Madankollu, iżjed tard l-Italja rtirat din in-notifika. Skont il-punt 26 tal-Linji Gwida in-notifika ta' pjan ta' ristrutturazzjoni hija kundizzjoni *sine qua non* għal estensjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ. Għalhekk, jekk pjan ta' ristrutturazzjoni notifikat jiġi rtirat iżjed tard, l-estensjoni permessa għall-għajnuna ta' salvataġġ għandha tintemm.

(68) Skont il-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (il-każijiet *Ernault* [16] u *Huta Cynku* [17]) jekk la pjan ta' ristrutturazzjoni u lanqas pjan ta' likwidazzjoni ma jkunu ġew notifikati lill-Kummissjoni jew, bħal fil-każ preżenti, jekk il-pjan ta' ristrutturazzjoni jkun ġie rtirat, l-estensjoni tal-għajnuna ta' salvataġġ inkwistjoni ma tistax tinżamm lil hinn mid-data li fiha l-Istat Membru jkun irtira n-notifika tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.

(69) Billi l-garanzija għal perjodu medju (għad-durata tal-pjan ta' ristrutturazzjoni), maħsuba bħala għajnuna ta' ristrutturazzjoni notifikata, kienet estensjoni tal-garanzija tal-għajnuna ta' salvataġġ, hija kienet kompatibbli sakemm l-Italja rtirat in-notifika tagħha.

(70) Għalhekk, il-kompatibilità tal-garanzija estiża tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern għandha tiġi evalwata mill-jum wara dak li fih l-Italja rtirat in-notifika tagħha (jiġifieri mill-24 ta' Lulju 2008).

*Eliġibbiltà tal-kumpanija għal għajnuna ta' ristrutturazzjoni*

(71) L-għoti ta' għajnuna mill-Istat lil kumpanija f'diffikultà tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat biss jekk jiġu rispettati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni.

(72) Skont il-punti 12(a) u 14 tal-Linji Gwida, l-impriżi f'diffikultà biss huma eliġibbli għal għajnuna ta' ristrutturazzjoni.

(73) Taħt il-punt 9 tal-Linji Gwida, impriża, irrispettivament mid-daqs tagħha, tiġi kkunsidrata f'diffikultà meta ma

[16] Il-każ C 32/05 (ex N 250/05) tal-4 t'April 2007 (ĠU L 277, 20.10.2007, p. 25).

[17] Il-każ C 32/06 (ex N 179/06) tal-25 ta' Settembru 2007 (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 36).

tkunx kapaċi, permezz tar-riżorsi proprji jew bil-fondi li tkun kapaċi tikseb mill-azzjonisti tagħha jew mis-suq, li twaqqaf it-telf li, mingħajr intervent minn barra min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, kważi ċertament ikun se jikkundannaha għall-għeluq tan-negozju tagħha.

(74) Taħt il-punt 10 tal-Linji Gwida impriża tiġi kkunsidrata f'diffikultà fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' kumpanija ta' responsabbiltà limitata, fejn iżjed min-nofs tal- kapital irreġistrat ikun sparixxa u iżjed minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef matul it-12-il xahar ta' qabel,

(b) fil-każ ta' kumpanija fejn mill-inqas ċerti membri jkollhom responsabbiltà mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija, fejn iżjed minn nofs il-kapital tagħha skont il-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa u iżjed minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar ta' qabel,

(c) tkun liema tkun it-tip ta' kumpanija kkonċernata, fejn tilħaq il-kriterji taħt il-liġi domestika sabiex tkun is-suġġett ta' proċedimenti kollettivi ta' insolvenza.

(75) Isegwi mill-punt 10(a) tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni li mingħajr intervent minn barra kumpanija li jkollha telf enormi ta' kapital irreġistrat inevitabilment ma tkunx tista' tinnegozja iżjed fil-perjodu qasir jew medju. F'deċiżjoni li saret iktar kmieni ([18]) l-Kummissjoni kkonkludiet li kumpanija li jkollha ekwità negattiva tiġi kkunsidrata *a fortiori* bħala waħda li tkun f'diffikultà. Fis-sentenza ta' Biria tagħha ([19]) l-Qorti Ġenerali kkonfermat ukoll li telf enormi ta' kapital huwa tabilħaqq sinjal ta' diffikultà, u li l-Kummissjoni kellha raġun li tikkonkludi li kumpanija b'ekwità negattiva hija kumpanija f'diffikultà.

(76) Legler laħqet il-kriterju tal-punt 10(a) tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni billi kellha ekwità negattiva fis-sena 2006 (ara l-premessa (19)).

(77) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li Legler diġà kienet ikkunsidrata bħala impriża f'diffikultà kif mifhum fil-punt 10(a) tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni fit-22 ta' Mejju 2007, meta l-għajnuna ta' salvataġġ ġiet awtorizzata.

(78) Minn hemm 'il quddiem, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Legler ma marritx għall-aħjar. Fil-fatt, ġiet iddikjarata insolventi mill-qorti kompetenti fl-2008 (ara l-premessa 16).

(79) Il-Kummissjoni osservat ukoll li Legler mhijiex impriża li għadha kif inħalqet kif mifhum fil-punt 12 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni.

(80) Skont il-punt 13 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni, impriża li tkun il-proprjetà ta' jew tittieħed minn grupp kummerċjali ikbar ma tistax bi prinċipju tibbenefika minn għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturazzjoni, minbarra meta jkun jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-impriża huma intrinsiċi u mhumiex ir-riżultat ta' allokazzjoni arbitrarja ta' spejjeż fil-grupp, u li d-diffikultajiet ikunu serji wisq sabiex jiġu solvuti mill-grupp innifsu.

(81) Il-Kummissjoni tinnota li Piltar kienet sempliċement strument kummerċjali, li l-eżerċizzju tagħha ma kien jinvolvi l-ebda attività ta' negozju minbarra ż-żamma ta' ishma f'Legler. L-ebda informazzjoni minn dik disponibbli għall-Kummissjoni ma tissuġġerixxi li d-diffikultajiet tal-kumpanija kienu r-riżultat ta' allokazzjoni arbitrarja ta' spejjeż fil-grupp. Barra dan, billi Piltar kienet il-proprjetà sħiħa ta' individwi privati u ma kienet involuta fl-ebda attività kummerċjali minbarra l-investiment ta' ekwità tagħha f'Legler, ma kinitx f'pożizzjoni li tikkontribwixxi għar-ristrutturazzjoni ta' Legler.

(82) Fuq il-bażi tal-preċedenti, jista' jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 9 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni ntlaħqu.

(83) Billi Legler hija eliġibbli għal għajnuna ta' ristrutturazzjoni, issa għandu jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 32 sa 51 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni għall-kompatibilità tal-għajnuna ta' ristrutturazzjoni intlaħqux jew le.

*Konsegwenza tal-irtirar tal-pjan fuq il-kompatibilità tal-miżuri ta' ristrutturazzjoni*

(84) Madankollu, l-Italja rtirat il-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' Legler, u għalhekk ma għadha impenjata għall-ebda pjan ta' ristrutturazzjoni kif mifhum fil-punt 35 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax tevalwa l-għajnuna illegali fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-punti 32 sa 51 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni.

(85) Barra dan, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-garanzija pubblika u s-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità ma jistawx jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mas-suq intern fuq l-ebda bażi legali oħra.

## VI. **KONKLUŻJONI**

(86) Il-proċedura formali ta' investigazzjoni taħt l-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-għotja diretta ta' EUR 13,2 miljun, għandha tintemm billi l-Italja rtirat in-notifika tagħha u m'għandhiex l-intenzjoni li tkompli dan il-proġett ta' għajnuna.

([18]) C 38/07 (ex NN 45/07) *Arbel Fauvet Rail SA*, tas-7 t'Ottubru 2010 (ĠU C 249, 24.10.2007, p. 17).

([19]) T-102/07 *Freistaat Sachsen* v *il-Kummissjon* u T-120/07 *MB Immobilien Verwaltungs and MB System* & Co. (T-120/07) v *il-Kummissjoni.*

(87) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanzija pubblika u s-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità jaqgħu taħt l-ambitu tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(88) Dawn iż-żewġ miżuri ġew implimentati mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(89) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta sabet li l-għajnuna ma kinitx kompatibbli mas-suq intern il-Kummissjoni tkun kompetenti li tiddeċiedi li l-Istat ikkonċernat għandu jirrevokaha jew ibiddilha [20]. Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat li jabolixxi għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala mhux kompatibbli mas-suq intern huwa maħsub sabiex tiġi restawrata s-sitwazzjoni eżistenti qabel [21]. F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbiliet li l-għan ikun intlaħaq ladarba r-reċipjent ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, u b'hekk ikun qed jirrinunzja l-vantaġġ li kien qed igawdi fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tiġi restawrata [22].

(90) Skont dak il-każ ta' ġurisprudenza, l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/99 [23] stabbilixxa li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju".

(91) Għalhekk, billi l-miżuri disponibbli għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna llegali u mhux kompatibbli mas-suq intern, l-ammonti ta' għajnuna ta' dawn iż-żewġ miżuri, jiġifieri EUR 13-il miljun u EUR 383 850 rispettivament, għandhom jiġu rkuprati sabiex tiġi restawrata s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tal-għajnuna.

(92) F'dak li jirrigwarda l-garanzija pubblika, l-irkupru għalhekk għandu jsir mill-jum wara l-irtirar min-naħa tal-Italja tan-notifika tal-għajnuna ta' ristrutturazzjoni, jiġifieri mill-24 ta' Lulju 2008, u għandha tkun tinkludi l-imgħax għall-irkupru sakemm jiġu effettivament irkuprati.

(93) F'dak li jirrigwarda s-sostituzzjoni tad-dejn bl-ekwità, is-somom li jkollhom jiġu rkuprati għandhom ikunu jinkudu l-imgħax mid-data li fiha l-għajnuna tkun tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, jiġifieri mill-31 ta' Mejju 2007, sakemm jiġu effettivament irkuprati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

Il-proċedura formali tal-investigazzjoni taħt l-Artikolu 108(2) tat-Trattat rigward l-għotja diretta ta' EUR 13,2 miljun lill-kumpanija Legler S.p.A. hija magħluqa.

*Artikolu 2*

Il-garanzija pubblika li tammonta għal EUR 13-il miljun u s-sostituzzjoni tad-dejn b'ekwità ta' EUR 383 850 rispettivament, mogħtija mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat favur Legler S.p.A. jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux kompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 3*

1. L-Italja għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 mingħand il-benefiċjarju.

2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandhom ikunu jinkludu l-imgħax sad-data tal-irkupru effettiv tagħhom.

F'dak li jirrigwarda l-garanzija pubblika, imgħax bħal dan għandu jiġi kkalkulat mill-jum wara l-irtirar min-naħa tal-Italja tan-notifika tal-għajnuna ta' ristrutturazzjoni.

F'dak li jirrigwarda s-sostituzzjoni tad-dejn b'ekwità, imgħax bħal dan għandu jiġi kkalkulat mid-data li fiha l-għajnuna saret disponibbli lill-benefiċjarju.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [24] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 [25] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. L-Italja għandha tikkanċella l-ħlasijiet pendenti kollha tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. L-Italja għandha tiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (prinċipal u imgħax) li jkollu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda jew ippjanati sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju jkun ġie ordnat li jħallas lura l-għajnuna.

---

[20] Il-każ C-70/72 *Il-Kummissjoni v il-Ġermanja*, punt 13.
[21] Il-każijiet konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja v il-Kummissjoni*, punt 75.
[22] Il-każ C-75/97 *Il-Belġju v il-Kummissjoni*, punti 64-65.
[23] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
[24] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.
[25] ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1.

2. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 tkun ġiet irkuprata kompletament. Hija għandha tissottometti minnufih, mat-talba min-naħa tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u ppjanati sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u imgħax li diġà ġew irkuprati mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Italja.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Jannar 2012

## dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-pagamenti fil-Ġermanja u fil-Pajjiżi l-Baxxi li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2010

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 369)*

**(It-testi bil-Ġermaniż u l-Olandiż biss huma awtentiċi)**

(2012/52/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 32(8) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/272/UE [2] approvat, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti kollha ħlief għall-aġenzija tal-pagamenti Ġermaniża "Rheinland-Pfalz", l-aġenzija tal-pagamenti Griega "OPEKEPE", l-aġenzija tal-pagamenti Taljana "ARBEA" u l-aġenzija tal-pagamenti Olandiża "Dienst Regelingen".

(2) Wara t-trażmissjoni ta' informazzjoni ġdida u wara kontrolli addizzjonali, il-Kummissjoni issa tista' tieħu deċiżjoni dwar l-integralità, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet sottomessi mill-aġenzija tal-pagamenti Ġermaniża "Rheinland-Pfalz" u l-aġenzija tal-pagamenti Olandiża "Dienst Regelingen".

(3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissojni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas [pagamenti] u ta' korpi oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR [3] jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand, jew imħallsa lil kull Stat Membru, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament imsemmi, għandhom jiġu determinati billi jitnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar fir-rigward tas-sena finanzjarja kkonċernata, jiġifieri l-2010, mill-infiq rikonoxxut għal dik is-sena skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont minn jew iżżidu mal-pagament ta' kull xahar marbut mal-infiq li sar fit-tieni xahar wara dak li fih tittieħed id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

(4) Skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet għandu jagħmel tajjeb għalihom l-Istat Membru kkonċernat u 50 % jitħallsu mill-baġit tal-UE, jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' snin mis-sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) tal-imsemmi Regolament jobbliga lill-Istati Membri biex iressqu quddiem il-Kummissjoni rapport sommarju dwar il-proċeduri ta' rkupru meħuda b'rispons għall-irregolaritajiet, flimkien mal-kontijiet annwali. Fir-Regolament (KE) Nru 885/2006 hemm stipulati regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrappurtaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati. L-Anness III għar-Regolament imsemmi jipprovdi t-tabella mudell li kellha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fl-2011. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji min-nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' snin jew tmien snin, rispettivament. Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(5) Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru. Deċiżjoni bħal din tista' tittieħed biss jekk it-total tal-ispejjeż li jkunu saru diġà u dawk li aktarx isiru jaqbeż l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk jirriżulta li l-irkupru mhux possibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rrikonoxxuta taħt il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni primarja amministrattiva jew ġudizzjarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, il-baġit tal-UE għandu jagħmel tajjeb għal 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas tal-irkupru. Ir-rapport fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 juri l-ammonti li għalihom l-Istat Membru ddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni. Dawn l-ammonti mhumiex ikunu ddebitati lill-Istati Membri kkonċernati u konsegwentement għandhom jitħallsu mill-baġit tal-UE. Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament imsemmi.

(1) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
(2) ĠU L 119, 7.5.2011, p. 70.
(3) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90.

(6) Hija u tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagament ikkonċernati, il-Kummissjoni trid tqis l-ammonti li diġà tnaqqsu lill-Istati Membri kkonċernati abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/272/UE.

(7) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-UE nfiq li ma jiġix effettwat skont ir-regoli tal-UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti Ġermaniża "Rheinland-Pfalz" u l-aġenzija tal-pagamenti Olandiża "Dienst Regelingen" li jikkonċernaw infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), fir-rigward tas-sena finanzjarja 2010 huma b'dan approvati.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew pagabbli lil kull Stat Membru kkonċernat skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOȘ

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET TA' AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI**

**SENA FINANZJARJA 2010**

**Ammont li għandu jiġi rkuprat minn jew imħallas lill-Istat Membru**

| SM | | 2010 - Infiq/Dħul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagament li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 | Total inkluż it-tnaqqis u s-sospensjonijiet | Pagamenti li saru lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | Ammont li għandu jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) Stat Membru (2) | Ammont irkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) Stat Membru skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/272/UE | Ammont li għandu jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) Stat Membru (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | diżassoċjati | | | | | | | | |
| | | = infiq/dħul assenjat iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali | = total tan-nefqa/dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar | | | | | | | | |
| | | a | b | c = a + b | d | e | f = c + d + e | g | h = f – g | i | j = h – i |
| DE | EUR | 5 573 405 084,75 | 0,00 | 5 573 405 084,75 | – 7 108 483,29 | – 779 304,45 | 5 565 517 297,01 | 5 565 435 172,87 | 82 124,14 | 84 373,43 | – 2 249,29 |
| NL | EUR | 895 187 155,61 | 0,00 | 895 187 155,61 | – 0,03 | – 5 835,72 | 895 181 319,86 | 894 473 110,44 | 708 209,42 | 0,00 | 708 209,42 |

| SM | | Infiq (3) | Dħul assenjat (3) | Fond taz-Zokkor | | Artikolu 32 (= e) | Total (= h) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Infiq (4) | Dħul assenjat (4) | | |
| | | 05 07 01 06 | 6701 | 05 02 16 02 | 6803 | 6702 | |
| | | k | l | m | n | o | p = k + l + m + n + o |
| DE | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 2 249,29 | – 2 249,29 |
| NL | EUR | 714 045,14 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 5 835,72 | 708 209,42 |

(1) It-tnaqqis u s-sospensjonijiet huma dawk li tqiesu fis-sistema tal-pagament, li magħhom ġew miżjuda b'mod partikolari l-korrezzjonijiet għan-nuqqas ta' rispett lejn id-dati ta' skadenza tal-pagament stabbiliti f'Awwissu, Settembru u Ottubru 2010.

(2) Għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi rkuprat minn jew imħallas lil Stat Membru l-ammont li tiqes huwa, it-total tad-dikjarazzjoni annwali għall-infiq approvat (kol. a) jew, it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għan-nefqa diżassoċjata (kol. b). Rata tal-kambju applikabbli: l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

(3) Jekk il-parti tad-Dħul Assenjat tagħti vantaġġ?? tkun għall-vantaġġ tal-Istat Membru, trid tkun iddikjarata taħt 05 07 01 06.

(4) Jekk il-parti tad-Dħul Assenjat tal-Fond taz-Zokkor, tkun għall-vantaġġ tal-Istat Membri, trid tkun iddikjarata taħt 05 02 16 02.

*NB*: Nomenklatura 2012: 05 07 01 06, 05 02 16 02, 6701, 6702, 6803

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-27 ta’ Jannar 2012**

**li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 370)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/53/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE [2] teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE ġiet adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni għal perjodu ta’ mhux iżjed minn sena, iżda tippermetti li tiġi kkonfermata għal perjodi addizzjonali li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jaqbeż sena.

(3) Il-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE kienet estiża b’perjodi ta’ sena, l-ewwel bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE [3] sal-11 ta’ Mejju 2008, it-tieni bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE [4] sal-11 ta’ Mejju 2009, it-tielet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE [5] sal-11 ta’ Mejju 2010, ir-raba’ bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/UE [6] sal-11 ta’ Mejju 2011, u l-ħames bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/176/UE [7] sal-11 ta’ Mejju 2012.

(4) Fin-nuqqas ta’ miżuri oħra sodisfaċenti li jindirizzaw is-sikurezza tal-lajters għat-tfal, huwa meħtieġ li tittawwal il-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE għal 12-il xahar oħra.

(5) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2006/502/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2006/502/KE, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b’dan li ġej:

“2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-11 ta’ Mejju 2013.”

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma’ din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-11 ta’ Mejju 2012 u għandhom jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta’ Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
[2] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41.
[3] ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16.
[4] ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40.
[5] ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23.
[6] ĠU L 67, 17.3.2010, p. 9.
[7] ĠU L 76, 22.3.2011, p. 99.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT